**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Żejtun Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 08/20**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tlieta, 4 ta' Awwissu 2020 |
| **Ħin:** | 5:45PM |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |
| **Preżenti** | Maria Dolores Abela - Sindku<br>Joan Agius - Viċi-Sindku (Mis-6:15pm)<br>Amanda Abela- Kunsilliera<br>Dorcas Camilleri - Kunsilliera<br>Gesmond Baldacchino - Kunsillier<br>Raymond Caruana - Kunsillier (Mis-6:05pm)<br>Roderick Caruana - Kunsillier<br>Sean Chircop - Kunsillier<br>Stephanie Fenech - Kunsilliera<br>Angelo Caruana - Assistent Prinċipali<br>Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **08.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **08.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **08.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **08.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **08.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| **08.06** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **08.07** | **Proġett *Slow Streets* ;** |
| **08.08** | ***Tenders* ;** |
| **08.09** | **Xogħlijiet;** |
| **08.10** | ***Quarterly Financial Statement;*** |
| **08.11** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **08.12** | **Mozzjonijiet; u** |
| **08.13** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**08. 1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 1. 1 | | | Ma kinx hemm ittri ta' apoloġiji. | |

**08. 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Camilleri<br>Sekondant: Fenech | Il-Minuti 07/20 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il- korrezzjonijiet. | |
| 08. 2. 1 | 07.02.11 | Sindku | Minflok Spazji Pubbliċi is-suġġett għandu jaqra *Slow Street.* | Sindku |
| 08. 2. 2 | 07.02.09 | Sindku | Għandhom jiżdiedu li illum tlesta t-tieni saff, sabiex issa nofs Triq Bugħarbiel tinsab lesta. | Sindku |
| 08. 2. 3 | 07.02.15 | Fenech | Ser tittella' u nipparteċipaw fil-promozzjoni fiż-Żejtun. | Fenech |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**08. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 2 5 | 07.02.01 | Chircop: *Mobile App* | Chircop qal li f'Settembru għandha titlesta din l-applikazzjoni għall-*mobile* . tittella' għall-pubbliku din ser tiġi ttestjata mill-Kunsilliera u Staff. | Chircop |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 2 | 6 | 07.02.03 | Chircop: *E.D.E.N. Award* | Chircop qal li l-Kummissjoni Ewropea tellgħat vidjow u artiklu biex tirreklama ż-Żejtun. | Chircop |
| 08. | 2 | 7 | 07.02.04 | Sindku: Plakka man-niċċa ta' San Ġużepp | Is-Sindku qalet li qed nistennew l-irħama li ser titwaħħal u nkunu nistgħu niffisaw id-data tal-inawgurazzjoni. | Sindku |
| 08. | 2 | 8 | 07.02.06 | Baldacchino: Bankina | Baldacchino qal li tkellem mal-MTA u tawna direzzjoni sabiex Tico Tico Bar iġibu perit sabiex ikun jistgħu jagħmlu l-applikazzjoni sabiex titwessa l-bankina. | Baldacchino |
| 08. | 2 | 9 | 07.02.07 | Sindku: Ġnien Mikiel Anton Vassalli | Is-Sindku qalet li is-*Civil Work*s tlestew, ħriġna sejħa għall-offerti fejn ser isir *soft flooring*, turf artifiċjali u bandli. | Sindku |
| 08. | 2 | 10 | 07.02.12 | Fenech: *Blood Donation Unit* | Fenech qalet li fit-30 ta' Awwissu ser jerġa ikun hawn il-Mobile Blood Donation Unit fil-pjazza taż-Żejtun. | Fenech |
| 08. | 2 | 11 | 07.02.13 | Fenech: *Neutering* tal-annimali | Fenech qalet li parti mill-fondi ser napplikaw għalihom ser imorru għall-*fence,* mediċini u ikel u *veterinary service*. | Fenech |
| 08. | 2 | 12 | 07.02.14 | Fenech: Proġetti | Fenech qalet li ġie approvat proġett ieħor. Peress li hawn il-pandemija għad hemm dubju jekk hux ser issiefer fuq dan il-proġett. | Fenech |
| 08. | 2 | 13 | 07.02.15 | Fenech: Fondi għall-proġetti | Fenech qalet li għall din is-sezzjoni li saret fid-9 ta' Lulju kien hemm is-Sinku, Fenech, Chircop, l-Għaqda Mużikali Beland u l-Fratellanza tar-Ruzarju peress li dawn ħadu l-fondi. | Fenech |
| 08. | 2 | 14 | 07.04.11 | Sindku: Vetturi tal-Go To | Is-Sindku qalet li bagħtna korrispondenza pero t-tweġiba kienet li sakemm dawn iħallsu l-liċenzja tat-triq għandhom dritt jipparkjaw fejn jixtiequ. | Sindku |
| 08. | 2 | 15 | 07.05.02 | Sindku: Triq Xrobb l-Għaġin | Is-Sindku qalet li suppost kellha tkun asfaltata sal-aħħar ta' Lulju. Kitbet lill-Ministru Michael Farrugia u lis-CEO tal-WSC fejn kellha risposta mingħand il-Ministru fejn qal li x-xogħol reġa beda pero l-ħaddiema ser joħorġu bix-*shut down*. Is-Sindku wieġbet li din mijiex aċċetabbli peress li dawn ma mxewx maż-żmien allokat skond il-kuntratt. L-aħħar informazzjoni mingħand il-WSC kienet li saru l-*pressure test* u l-ebda wieħed ma għadda. | Sindku |
| 08. | 2 | 16 | 07.05.05 | Camilleri: *Life Long Learning* | Camilleri qalet li l-applikazzjonijiet ser jagħlqu fis-7 ta' Awwissu. | Camilleri |
| 08. | 2 | 17 | 07.05.06 | Camilleri: *Revision Classes* | Camilleri qalet li dawn bdew u t-tfal qed jitgħallmu u jieħdu gost b'dawn il-lezzjonijiet. | Camilleri |

**08 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML08/20. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 3 | 1 | | *Water Dispenser Unit* | Ġie muri ritratt ta' *water dispener* li ma baqax jaħdem u ser jintrema peress li nxtara ieħor. | Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 3 | 2 | | Sindku: Laqgħa mar-Reġjun Xlokk | Is-Sindku qalet li fid-29 ta' Lulju saret laqgħa fejn ġew diskussi l-fondi tal-*Culture Ventur.* Il-kuntratt ta' Adrian Mifsud għall-servizz ta' GDPR ġie mġedded għall-sitt xhur oħra. Dwar dan ir-Reġjun ħareġ tender u aħna ser inkunu parteċipi fih. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 08 | 3 | 3 | | Sindku: Parkeġġi | Is-Sindku qalet li minħabba x-xogħol ta' restawr mal-faċċata tal-knisja, l-parkeġġi ta' maġenb iz-zuntier f'Misraħ Gregorio Bonici ser ikunu riservati għall-makkinarju tal-kuntrattur għall-45 ġimgħa, mill-24 ta' Awwissu. | Sindku |
| 08 | 3 | 4 | 08/20-1 | Baldacchino: Problema tal-Ħamiem | Baldacchino qal li l-għalf tal-ħamiem weħel biex jiġi importat. It-tabib tal-*animal welfare* qed iżommna milli neħilsu minnhom. | Baldacchino |
| 08 | 3 | 5 | 08/20-2 | Depożiti tal-BOV | Saret preżentazzjoni mill-BOV dwar depożiti tal-flus. Ma baqax jiġu aċċettati muniti u l-flus kontanti jridu jiġu depożitati fil-kont tal-Kunsill u jiġu trasferiti fil-kontijiet tal-entitajiet. Ser tiddaħal ukoll charge fuq kull ċekk li jinħareġ. | Segretarju Eżekuttiv |
| 08 | 3 | 6 | 08/20-3, 08/20-4, 08/20-5. 08/20-6 | *Reserved Parking Bays* | Dawn tneħħew waħda fi Triq John Borg u tnejn fi Triq Joe Attard. Saret waħda ġdida fi Triq il-Palazzi. | Baldacchino |
| 08 | 3 | 7 | | AKL u Ansek | Saret laqgħa rikonċiljatorja bejn dawn it-tnejn. | |
| 08 | 3 | 8 | 09 | Zejtun Corinthians | Intbagħtet ittra ta' apprezzament għas-sapport li tajna meta saru ċ-ċelebrazzjonijiet tal-promossjoni għal-ewwel diviżjoni tal-futbol Malti. | |
| 08 | 3 | 9 | | Viċi-Sindku: Rapport Finanzjarju tal-Manuċċa Child Day Care Centre | Il-Viċi-Sindku qalet li tlesta r-rapport fejn kien hemm Surplus ta' €20,000 qabel it-taxxa. Dan ser jiġi preżentat mal-*Quarterly Financial Statement.* | Viċi-Sindku |

**08. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 4 | 1 | 07.02.09 | Viċi-Sindku: Marki fi Triq Bugħarbiel | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk sarux is-sinjali fit-triq peress li qed ikollha ħafna ilmenti. Is-Sindku qalet li ser titkellem mal-kuntrattur pero taħseb li ser isiru hekk kif titlesta t-triq kollha. Rigward Triq id-Dwiemes is-Sindku qalet li TM ħadu ħsiebha u tneħħew il-linji. | Sindku |
| 08. | 4 | 2 | | Viċi-Sindku: Knis ta' toroq | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar kif bqajna fil-laqgħa mal-kuntrattur. Is-Sindku qalet li qed jiġu ffolowjati x-xogħolijiet li qed isiru sabiex jiġu rranġati n-nuqqasijiet li hemm. | Sindku |
| 08. | 4 | 3 | | Viċi-Sindku: Blokk G, Flat 1 f'Qasam Ħal Tmin | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar dan. Baldacchino qal li kkuntatjaha u l-*Cleansing Department* ser jiġu jnaddfu. | |
| 08. | 4 | 4 | | Viċi-Sindku: Boroż Ħodor | Il-Viċi-Sindku qalet li ser jibdew jitqassmu mill-Kunsill li dawk ir-residenti li ma sabux id-dar. | Viċi-Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 4 | 5 | 07.04.03 | Camilleri: Talba għall-*One Way* | Camilleri staqsiet dwar dan. Ser issir talba lil TM sabiex isir *traffic management* u naraw x'hemm bżonn isir. | Camilleri |
| 08. | 4 | 6 | 07.03.01 | Viċi-Sindku: Parkeġġi fi Triq id-Dwiemes | Il-Viċi-Sindku staqsiet rigward Triq id-Dwiemes. Is-Sindku qalet li TM ħadu ħsiebha u tneħħew il-linji. | Sindku |
| 08. | 4 | 7 | | Chircop: Miżura 1 Gal Xlokk | Chircop qal li saret applikazzjoni sabiex inġibu fondi għar-restawr taċ-Ċentru Arti u Artiġjanat. | Chircop |
| **08.** | **5.** | | | **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 08. | 5 | 1 | | Chircop: Restawr tal-Kappella tas-Salvatur | Chircop staqsa dwar x'ser jiġri mill-wires. L-aħjar issir laqgħa mal-Enemalta u jaraw x'hemm bżonn li jsir. | Caruana Raymond |
| 8 | 5 | 2 | | Caruana Raymond | Caruana qal li ser issir mera fi Triq il-Ħarrub, mera fi Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok u talab li ssir *crash barrier* matul it-triq kollha. | Caruana Raymond |
| 8 | 5 | 3 | | Fenech: *Community Policing* | Fenech qalet li tħabbru iktar lokalitajiet pero innutat li ż-Żejtun minkejja l-kobor tiegħu ma ġiex inkluż. Is-Sindku qalet li diġa kitbet lill-Onor Byron Camilleri sabiex niġu kkunsidrati meta jerġgħu jiżdiedu l-lokalitajiet. | Fenech |
| 8 | 5 | 4 | | Fenech: parkeġġ ħażin fejn il-posta | Fenech qalet li qed isir parking perikoluż fejn il-posta. Dan huwa xogħol il-pulizija u uffiċjali tal-komunita' li jwaħħlu l-multi. | Fenech |
| 8 | 5 | 5 | | Viċi-Sindku: Djar tal-Anzjani | Il-Viċi-Sindku qalet li ntalgħbet aċċess għal grada ż-żgħira tal-Ġnien l-Għannejja Żwieten sabiex f'każ ta' ħruq ikollom fejn joħorġu b'mod sikur. | Viċi-Sindku |
| 8 | 5 | 6 | | Viċi-Sindku: Żejt iż-Żejtun 2020 | Il-Viċi-Sindku resqet suġġeriment li għandhom isiru *workshops* dwar il-qtugħ taż-żebbuġ bħala parti minn Żejt iż-Żejtun ridotta għal din is-sena. Kien qbil unanimu dwar dan. | Viċi-Sindku |
| 8 | 5 | 7 | | Baldacchino: Ġnien iż-Żgħożija | Baldacchino qal li hemm bankina għolja ħafna. | |
| 8 | 5 | 8 | | Fenech: Skola Sajf | Fenech qall li saret laqgħa mal-koordinatur ta' Skola Sajf biex fl-20 ta' Awwissu t-tfal imorru bl-iscooter jew rota. Fl-aħħar ġimgħa ta' Awwissu ser isiru tpinġijiet fuq l-injam għax-xelters. | Fenech |
| 8 | 5 | 9 | | Fenech: Berġa | Fenech qalet li l-Berġa reġat fetħet mit-Tnejn sal-Ġimgħa u qed jiġu provduti servizzi ta' *Podiatry*, Tabib, *nurse, Speech Language Patology, Phsycoteraphy u Phsycology.* | Fenech |
| 8 | 5 | 10 | | Fenech: *Healthy Work Place Initiative* | Fenech qalet li ġejna fl-ewwel post f'din l-inzjattiva. | Fenech |
| **08.** | **6.** | | | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 08. | 6. | 1 | | Chircop: Serata ta' Għana | Chircop qal li din l-attivita' ser titħassar minħabba l-pandemija. | Chircop |
| 08. | 6. | 2 | | Viċi-Sindku: Ġurnata kemmuna | Il-Viċi-Sindku qalet li ser tiġi organizzata Ġurnata Kemmuna fil-25 ta' Lulju. | Viċi-Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 6. | 3 | | Viċi-Sindku: *Weekend Break* | Il-Viċi-Sindku qalet li l-*weekend break* ser isir bejn il-21 u t-23 ta' Awwissu fil-*Paradise Bay Hotel.* | Viċi-Sindku |
| **08.** | **7.** | | | ***Proġett Slow Streets;*** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 08 | 7 | 1 | | Sindku: *Slow Streets* | Fl-24 ta' Lulju kien hemm laqgħa mar-Reġjun Xlokk fejn infurmawna li sar qbil bejn l-AKL u r-Reġjun Xlokk li r-Reġjun ser iħallas €3,000 għall-perizja sabiex isir studju dwar il-lokalita'. Qed nistennew li jintbgħat *Memorandum of Understanding* u *Letter of Commitment* sabiex tiġi ffirmata li aħna ser naċċettaw dan il-ftehim.<br><br>Fenech qalet li twaqqaf *Working Group* sabiex jibdew jiġu diskussi ideat dwar x'jista' jsir. Saret l-ewwel attivita' fejn ġew preżentati l-premijiet tal-attivita' fuq Social Media fejn l-parteċipanti ħadu ritratt bir-rota fiż-Żejtun u min ġab l-iktar *like,* l-ewwel tlieta kienu r-rebbieħa. Flimkien ma' MOVE ġibna r-roti u ttellgħet attivita' fuq jumejn fejn ġew mgħallma r-rota. | Sindku |
| **08.** | **8.** | | | **Tenders;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 08. | 8. | 1 | | Sindku: Tenders | Is-Sindku qalet li t-tender għall-Ġnien Mikiel Anton Vassalli ħareġ u ser jagħlaq fil-25 ta' Awwissu. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| **08.** | **9.** | | | **Xogħlijiet;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 08. | 9. | 1 | | Sindku: Ġnien l-Għannejja Żwieten | Is-Sindku qalet li l-ħaddiema tar-Reġjun għaddejjien bix-xogħol fuq il-ħajt fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. | Sindku |
| 08. | 9. | 2 | | Sindku: Triq Bugħarbiel | Is-Sindku qalet li bdiet it-tieni parti tat-triq billi ser isiru l-banikini u jingħata l-asfalt. | Sindku |
| 01. | 9. | 3 | | Sindku: *Gazebo* fi Ġnien l-Għannejja Żwieten | Is-Sindku qalet li tlesta l-pavimentar, twaħħlu l-arbli u l-gazebo lest. Ser isir ukoll l-irrigazzjoni permess tad-drip. | Sindku |
| **08.** | **10.** | | | **Quarterly Financial Statement;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 08. | 10. | 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Dawn ser jitressqu fis-seduta li jmiss. | |
| **08.** | **11.** | | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 08. | 11. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 08/20 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 08. | 11. | 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 08/20 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 08. | 11. | 3 | | *Petty Cash* - Lulju 2020 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Lulju hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €102.55. | Segretarju Eżekuttiv |
| **08** | **12** | | | **Mozzjonijiet; u** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 08. 12 | 1 | Chircop sekonadat minn Fenech | Tressqet mozzjoni sabiex issir By-law sabiex jiġi projbit li jintefa għalf lil ħamiem sabiex ma tkompliex tikber il-problema tal-ħmieġ li dan qed jikkawża. Dwar din kien hemm qbil nem.com. | Chircop / Fenech |
| **08 13** | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-8:28pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 14 ta' Settembru 2020 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5.30pm.

IFFIRMATA

Maria Dolores Abela

Sindku

IFFIRMATA

Anton Falzon

Segretarju Eżekuttiv